# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2092/2024/1**
**Appell Numru 2092/2024/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

***Omissis***
**Joseph Giardina**
***Omissis***
**Bernardette Ann Grech**
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***

Illum is-sitta (6) ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra

***Omissis,***

**l-appellant Joseph Giardina**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 94002(L),

***Omissis,***

**l-appellanti Bernardette Ann Grech**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 73707(L),

***Omissis,***
***Omissis,***
***Omissis,***
***Omissis,***
***Omissis,***
***Omissis,***
***Omissis,***
***Omissis,***

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar is-6 ta' Ġunju 2021 fl-inħawi ta' Triq Ċensu Tabone, Balluta, San Ġiljan::

1. volontarjament kissru l-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

2. naqsu milli josservaw d-dispożizzjonijiet u ċioè kienu fi spazji pubbliċi fi grupp ta' aktar minn erba'(4) persuni;

3. ġie mħejji *meeting* fil-beraħ jew fi triq pubblika, jew f'post ieħor pubbliku mingħajr ma l-post kien speċifikat mill-Kummissarju tal-Pulizija; u

4. naqsu milli jobdu l-ordni sabiex il-*meeting* jiġi żbandat meta ngħataw diversi ordnijiet formali distinti minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija hemm preżenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru 2024, fejn il-Qorti,

- filwaqt li lliberat lill-imputati kollha mit-tieni (2) imputazzjoni,

- illiberat lil *Omissis*, *Omissis* u lill-appellant Joseph Giardina mill-ewwel (1) u mit-tielet (3) imputazzjoni u, wara li rat Artikoli 17, 31 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 15 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-istess *Omissis*, *Omissis* u lill-appellant Joseph Giardina ħatja tar-raba' (4) imputazzjoni iżda b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberathom bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sitt (6) xhur minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

- fil-konfront ta' *Omissis*, l-appellanti Bernardette Ann Grech, *Omissis*, *Omissis*, *Omissis* u *Omissis*, wara li rat Artikoli 17, 31 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 15 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati msemmija kollha ħatja tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni, iżda b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberathom bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena (1) minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Joseph Giardina ppreżentat fis-27 ta' Novembru 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha trriforma s-sentenza appellata u dana billi:*

*i. Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni* ***u****;*

*ii. Tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u minflok tilliberah minnha."*

Rat ir-Rikors tal-appellanti Bernardette Ann Grech ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2024 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha trriforma s-sentenza appellata u dana billi:*

i. *Tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellanti ħatja tat-tieni imputazzjoni **u**;*

ii. *Tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti ħatja tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjonijiet u minflok tilliberaha minnhom"*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata taż-żewġ appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat iż-żewġ Risposti tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant Joseph Giardina u għar-Rikors tal-appell tal-appellanti Bernardette Ann Grech, liema Risposti ġew ippreżentati fis-7 ta' Jannar 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar żewġ appelli minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-19 ta' Novembru 2024. Għal kull buon fini jingħad li oriġinarjament l-imputazzjonijiet kienu kontra diversi persuni fejn fir-rigward ta' żewġ persuni minnhom l-imputazzjonijiet ġew dikjarati bħala preskritti fis-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-1 ta' Lulju 2024 (*a fol.* 185) u fir-rigward ta' persuna oħra saret separazzjoni tal-ġudizzju b'dan illi s-sentenza appellata ngħatat kontra l-bqija tal-persuni, minn liema sentenza jirriżulta li appellaw biss l-appellant Joseph Giardina u l-appellanti Bernardette Ann Grech. Din is-sentenza tallum hija dwar dawn iż-żewġ appelli.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw protesta li seħħet f'San Ġiljan fis-6 ta Ġunju 2021, l-iskop ta' liema protesta kienet sabiex ikun hemm oppożizzjoni għal użu tal-maskra u kontra l-vaċċin kontra l-virus tal-COVID-19. Għandu jingħad li numru ta' protestanti kienu mingħajr maskri u minn dawn uħud kellhom ċertifikat mediku għalfejn ma kellhomx iġorru tali maskri. Jidher li l-protestanti kienu organizzati minħabba li kienu lebsin bil-kulur isfar u kienu qed ixejru tabelli u jidher ukoll li għal din il-protesta ma kienx hemm il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-protesta jidher li kienet imħejjija minn grupp fuq pjattaforma soċjali ewlenija, liema grupp kien iġib l-isem ta' "Human Health Alliance". Allegatament kien hemm nuqqas ta' kollaborazzjoni mal-Pulizija minn uħud mill-protestanti.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-żewġ appellanti fir-Rikors tal-appell rispettiv tagħhom hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Manuel Xuereb** (Numru 10/2023) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha – ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita' li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

> Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għal dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant Joseph Giardina fir-Rikors tal-appell tiegħu u wara tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti Bernardette Ann Grech.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellant Joseph Giardina**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant Joseph Giardina jitlob li din il-Qorti tikkonferma n-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni u jitlob ukoll li jiġi liberat mir-raba' (4) imputazzjoni.

**<u>L-ewwel aggravju tal-appellant Giardina</u>**
Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jeċċepixxi l-preskrizzjoni fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni. Huwa jispjega li t-terminu preskrittiv ta' din l-imputazzjoni huwa dak ta' sentejn. Jgħid li minkejja li fil-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fid-9 ta' Diċembru 2021 (*a fol.* 166 *et seq.*) hemm imniżżel li deher l-avukat tiegħu, huwa (l-appellant) ma kienx preżenti minħabba li kien għadu ma kienx notifikat bl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Jgħid li mill-istess verbal anqas jidher li l-avukat tiegħu ta b'ruħu notifikat għan-nom tiegħu. Jgħid ukoll li mill-verbal tas-seduti miżmuma fis-26 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 168) u fit-2

ta' Frar 2023 (*a fol.* 169) jirriżulta li hu (l-appellant) ma kienx preżenti minħabba nuqqas ta' notifika. Jisħaq li l-ewwel seduta li huwa attenda għaliha kienet dik miżmuma fl-1 ta' Lulju 2024 (*a fol.* 185) u dana wara li ġie notifikat biss b'riferta u mhux bil-komparixxi. Jargumenta li minħabba f'hekk ut-terminu ta' sentejn kien leħaq għadda bil-konsegwenza li r-raba' (4) imputazzjoni ġiet estinta bil-preskrizzjoni tal-azzjoni.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tagħmel riferenza għar-riferta li tinsab *a fol.* 183 tal-proċess, liema riferta hija ndirizzata lill-appellant Joseph Giardina minn liema jirriżulta li huwa ġie notifikat biċ-ċitazzjoni fl-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan fis-7 ta' Diċembru 2021 u ċioè qabel l-ewwel seduta. Peress li ċ-ċitazzjoni tagħmel riferenza għad-data tas-6 ta' Ġunju 2021 u peress li jirriżulta li l-appellant ġie notifikat fis-7 ta' Diċembru 2021, dan ifisser li t-terminu ta' sentejn li l-appellant jagħmel riferenza għalih fl-aggravju in eżami ma kienx leħaq skada bil-konsegwenza li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat kienet mhux preskritta. B'hekk isegwi li l-ewwel aggravju tal-appellant Giardina jisthoqq li jiġi miċħud.

**<u>It-tieni aggravju tal-appellant Giardina</u>**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant Giardina jispjega li l-elementi rikjest sabiex iseħħ ir-reat maħsub fir-raba' (4) imputazzjoni ossia dik li temerġi minn Artikolu 15 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta huma erbgħa:

- trid tingħata ordni minn uffiċċjal tal-Pulizija;
- tali ordni jrid ikun sabiex il-*meeting* jiġi żbandat;
- tali ordni trid tingħata b'mod formali u distint; u
- tali ordni trid tingħata mill-iżjed membru anzjan tal-Korp tal-Pulizija preżenti.

Illi l-appellant jispjega li mill-affidavits tal-Pulizija li ġew eżebiti ma jirriżultax li ngħata tali ordni u wisq inqas ġew sodisfatti l-elementi l-oħra. Jisħaq li dak li joħroġ mill-affidavits huwa li bosta nies preżenti ntalbu jipprovdu d-dettalji tagħhom iżda

mhux sabiex il-*meeting* jiġi żbandat. Ikompli billi jgħid li anke jekk ingħata tali ordni ma jirriżultax mill-affidavits minn kienu dawk il-persuni li naqsu milli jobdu. Jilmenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq l-istqarrijiet li ġew rilaxxati mill-ko-akkużati l-oħra u jgħid li dawn huma inammissibbli. Jgħid li peress li l-uniċi provi huma l-affidavits tal-Pulizija, dawn ma jservux sabiex jissodisfaw l-estremi tar-reat kontemplat f'Artikolu 15 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk huwa qatt ma seta' raġonevolment jinstab ħati tar-raba' (4) imputazzjoni.

Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 15 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "L-ordni sabiex il-*meeting* jiġi żbandat jingħata b'ordnijiet formali distinti li jingħataw b'dak il-mod li l-aktar membru anzjan tal-Korp tal-Pulizija hemm preżenti jista' iqis li jkun suffiċjenti. Biex jingħata dak l-ordni kull membru tal-Korp tal-Pulizija jista' juża kull *public address system* li jkun qed jintuża waqt il-*meeting*."

Illi minn qari ta' dan is-sub-artikolu jirriżulta li l-ordni sabiex jiġi żbandat il-*meeting* jingħata bil-mod li l-aktar membru anzjan tal-Korp tal-Pulizija preżenti jqis idoneu. Għalhekk din il-Qorti tikkunsidra li l-liġi tħalliha f'idejn l-aktar membru anzjan preżenti li jara kif inhu l-aħjar li jingħata tali ordni. Din id-diskrezzjoni saħansitra tista', fil-fehma ta' din il-Qorti, tinkludi li jitqabbdu Pulizija anqas anzjani fil-grad u għalhekk ma għandux raġun l-appellant meta jisħaq li tali ordni trid tingħata mill-aktar membru anzjan tal-Korp tal-Pulizija preżenti fuq il-post.

Illi minn qari tal-istess sub-Artikolu jirriżulta wkoll li tali ordni trid tingħata *"b'ordnijiet formali distinti"*. Minn qari tal-atti proċesswali b'mod partikolari mill-affidavits li ġew preżentati jirriżulta li l-Pulizija nfurmaw lill-persuni li kienu qed jiksru numru ta' liġijiet. Dan jirriżulta wkoll mill-okkorrenza (*a fol.* 24 *et seq.*). Meta dan jiġi mqabbel ma' dak li huwa l-obbligu stabbilit taħt il-liġi, din il-Qorti hija tal-fehma li meta tavża persuna li qed

tikser il-liġi ma huwiex l-istess daqs li kieku tagħti ordni formali u distint sabiex il-*meeting* jiġi żbandat u b'hekk din il-Qorti tqies li mill-atti proċesswali ma jirriżultax pruvat li ngħata tali ordni.

Illi b'hekk isegwi li t-tieni aggravju tal-appellant Giardina ser jiġi milqugħ bil-konsegwenza li huwa ser jiġi liberat mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar L-Aggravji Tal-Appellanti Bernardette Ann Grech**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti Grech titlob li din il-Qorti tikkonferma n-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija tagħha fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u titlob ukoll li tiġi liberata mill-ewwel (1), mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni.

**<u>L-ewwel aggravju tal-appellanti Grech</u>**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellanti Grech huwa dwar l-ewwel (1) imputazzjoni ossia dik fejn ġiet akkużata li kisret il-bon ordni jew il-paċi pubbliku b'għajjat u storbju. F'dan l-aggravju hija tispjega li l-Prosekuzzjoni primarjament ibbażat fuq affidavits imressqa mill-Pulizija liema affidavits huma prattikament identiċi fejn jindikaw li kien hemm minn beda juża *megaphone* u kien hemm min kien qiegħed ixejjer tabelli. Tisħaq li mill-affidavits hija ma ġietx identifikata li kienet waħda minn dawk li kienet qed toħloq l-istorbju u li, anke jekk għal grazzja tal-argument xi protestanti bdew jagħmlu l-istorbju b'mod li ddisturbaw il-paċi pubblika, l-affidavits tal-Pulizija ma jixħtu l-ebda dawl dwar minn setgħu kienu. Tilmenta li l-Ewwel Qorti straħet fuq provi inammissibbli ossia fuq dikjarazzjonijiet li saru minn bosta mill-ko-akkużati u minnha stess. Tgħid li dak li jgħid ko-akkużat japplika biss għalih. Tgħid ukoll li qatt ma ttieħditilha stqarrija fejn ingħatat id-dritt li tikkonsulta ma' avukat.

Illi dwar l-aggravju din il-Qorti tibda billi tinnota li minn qari tas-sentenza appellata ma jirriżultax li hija straħet fuq l-istqarrijiet tal-ko-akkużati l-oħra sabiex tinstab il-ħtija tal-appellanti. Dak li tgħid huwa li dawn l-istqarrijiet jikkorroboraw l-affidavits tal-Pulizija. Minkejja dan, minn <u>imkien</u> mill-atti proċesswali ma jirriżulta li l-appellanti b'xi mod jew ieħor ġiet identifikata bħala waħda minn dawk li kkawżat dak li hija ġiet akkużata bih fl-ewwel (1) imputazzjoni u għaldaqstant l-aggravju in eżami ser ikun milqugħ bil-konsegwenza li l-appellanti ser tiġi liberata mill-ewwel (1) imputazzjoni.

**<u>It-tieni aggravju tal-appellanti Grech</u>**
Illi dan l-aggravju jirrigwarda t-tielet (3) imputazzjoni li l-appellanti ġiet misjuba ħatja tagħha fejn hija ġiet akkużata li ġie mhejji *meeting* fil-beraħ jew fi triq pubblika jew f'post ieħor pubbliku mingħajr ma kien speċifikat mill-Kummissarju tal-Pulizija. L-appellanti tilmenta li minn qari ta' din l-imputazzjoni jirriżulta li mir-reat li jemerġi minnha l-leġislatur ried jippunixxi lil min <u>jorganizza</u> dimostrazzjonijiet pubbliċi mingħajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija. Hija tgħid li ma għandhiex idea min organizza tali dimostrazzjoni u wisq anqas organizzata hija. Targumenta li mill-atti proċesswali ma jirriżultax minn organizza l-*meeting* in kwistjoni u li b'hekk ma setgħet qatt tinsab ħatja tal-imputazzjoni msemmija.

Illi dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 13 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull *meeting* pubbliku magħmul b'kontravvenzjoni tal-artikoli 3, 4, 6, 7 u 8 jiġi żbandat; u l-promoturi tiegħu jeħlu, meta jinsabu ħatja, il-piena tad-detenzjoni jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur."

Illi minn qari ta' dan l-Artikolu jidher li l-persuna li ssofri l-piena stipulata taħtu huwa l-promotur. Mill-okkorrenza (*a fol.* 24 *et seq.*) jidher li s-segretarju responsabbli għal grupp "Human Health

Alliance" kien ċertu Paul Baldacchino u għalhekk jidher li allegatament dan il-persuna seta' kellu rwol fil-promozzjoni tal-protesta li hija s-suġġett tal-każ odjern. Tenut kont ta' dan, din il-Qorti tikkunsidra li mid-diċitura ta' Artikolu 13 hawn fuq ċitat jidher li huwa japplika għal promoturi ta' *meetings* pubbliċi u mhux kif tgħid l-appellanti għal min jorganizza tali *meetings*. Promozzjoni ta' *meeting* tista' tieħu diversi forom u, bħala terminu, huwa aktar wiesa minn organizzazzjoni ta' tali *meeting*. Magħdud ma' dan iżda mill-atti proċesswali ma hemmx provi li jorbtu lill-appellanti mal-promozzjoni tal-*meeting de quo*. Iżda permezz tat-tielet (3) imputazzjoni l-appellanti ġiet mixlija wkoll taħt Artikolu 8 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-fatt il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti kienu marbuta mal-parteċipazzjoni tal-appellanti f'din il-protesta b'dan illi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni għala għandha tiddipartixxi minn dak deċiż mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-appellanti u dana fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

<u>**It-tielet aggravju tal-appellanti Grech**</u>

Illi dan l-aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija tal-appellanti fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni ossia dak li temerġi minn Artikolu 15 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-aggravju in eżami, wara li l-appellanti tispjega l-elementi rikjesti sabiex iseħħ ir-reat maħsub taħt l-Artikolu msemmi, hija tispjega li mill-affidavits li jirriżultaw fl-atti proċesswali ma jirriżultax li ngħatat l-ordni sabiex il-ġemgħa tinħall u wisq inqas ġew sodisfatti l-elementi l-oħra. Tisħaq li dak li joħroġ mill-affidavits huwa li bosta nies preżenti ntalbu jipprovdu d-dettalji tagħhom iżda mhux sabiex il-protesta tiġi żbandata. Tkompli billi tgħid li anke jekk ingħatat tali ordni ma jirriżultax mill-affidavits minn kienu dawk il-persuni li naqsu milli jobdu.

Illi rigward dan l-aggravju din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tagħmel riferenza għal konsiderazzjonijiet li saru aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant Giardina u tapplikahom *mutatis mutandis* fir-rigward tal-aggravju in eżami

bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami ser jiġi milqugħ b'dan illi l-appellanti ser tiġi liberata mir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* kemm l-appell imressaq mill-appellant Joseph Giardina u kif ukoll dak imressaq mill-appellanti Bernardette Ann Grech u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant Joseph Giardina ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni addebitati fil-konfront tiegħu u li minnhom ġie liberat;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Joseph Giardina ġie misjub ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellant Giardina mhux ħati ta' din l-imputazzjoni u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellanti Bernardette Ann Grech ħatja tat-tieni (2) imputazzjoni u li minnha ġiet liberata;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti Bernardette Ann Grech ħatja tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti Bernardette Ann Grech ġiet misjuba ħatja tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minflok tiddikjara lill-appellanti Grech mhux ħatja ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet u b'hekk tilliberaha minn kull ħtija u piena fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet imsemmija;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti Bernardette Ann Grech ġiet liberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena (1) mid-data tas-sentenza u minflok b'applikazzjoni ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tilliberaha mingħajr ebda kondizzjoni;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**